

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2205**tad-29 ta' Novembru 2017****dwar regoli dettaljati rigward il-proċeduri għan-notifika ta' vetturi kummerċjali b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi identifikati matul spezzjoni teknika waqt it-traġitt****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 18(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/47/UE, f'każijiet fejn, fost affarijiet oħra, jiġu identifikati nuqqasijiet kbar jew perikolużi f'vettura li mhijiex irreġistrata fl-Istat Membru tal-ispezzjoni, il-punt ta' kuntatt għandu jinnotifika r-riżultati tal-ispezzjoni lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. In-notifika għandu jkun fiha l-elementi tar-rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġitt kif stipulat fl-Anness IV tagħha, li jkollu jiffassal mill-ispezzur mat-tlestija ta' spezzjoni aktar dettaljata b'konformità mal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2014/47/UE.
- (2) Sabiex tkun faċilitata l-komunikazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali, jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' notifika.
- (3) B'konformità mal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/47/UE, in-notifika għandha preferibbilment tiġi kkomunikata permezz tar-reġistru elettroniku nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (4) L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jispeċifika l-kontenut minimu obligatorju tar-reġistri elettroniċi nazzjonali. Madankollu, l-elementi tar-rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġitt kif stipulat fl-Anness IV tad-Direttiva 2014/47/UE ma jagħmlux parti minn dak il-kontenut minimu obligatorju.
- (5) L-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jipprevedi li r-reġistri elettroniċi nazzjonali għandhom ikunu interkonnessi.
- (6) Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u l-ambitu limitat li jirriżulta tar-Reġistri Ewropej tas-sistema tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU), in-notifika stabbilita fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/47/UE ma tistax tiġi trażmessa permezz tar-reġistri elettroniċi nazzjonali bl-użu ta' dik is-sistema.
- (7) Madankollu, sabiex jiġu evitati piżijiet u spejjeż amministrattivi mhux meħtieġa, jenħtieġ li tintuża l-arkitettura tas-sistema tal-ERRU biex tiġi żviluppata s-sistema ta' messaġġi għan-notifika stipulata bl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/47/UE.
- (8) Ir-regoli komuni għall-interkonnessjoni permezz tal-ERRU huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1213/2010 ⁽³⁾.
- (9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 ⁽⁴⁾ se jintroduċi xi emendi sinifikanti għall-funzjonalitajiet ġenerali tal-ERRU u se jissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 1213/2010 mit-30 ta' Jannar 2019. Is-sistema ta' messaġġi li tintuża għan-notifika tal-ispezzjoni waqt it-traġitt (RSI) se tissawwar fuq il-funzjonalitajiet ġenerali tal-ERRU.

⁽¹⁾ ĠUL 127, 29.4.2014, p. 134.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠUL 300, 14.11.2009, p. 51).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1213/2010 tas-16 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport (ĠUL 335, 18.12.2010, p. 21).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 tal-1 ta' April 2016 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010 (ĠUL 87, 2.4.2016, p. 4).

- (10) Għalhekk, sabiex jiġu limitati l-pizzijiet u l-proċeduri amministrattivi u biex tiġi żgurata l-koerenza, huwa meħtieġ li s-sistema ta' messaġġi li tintuża għan-notifiki wara RSI ssir applikabbli wkoll mit-30 ta' Jannar 2019.
- (11) Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, kif stipulati b'mod partikolari permezz tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, japplikaw għall-ipproċessar ta' kwalunkwe dejta personali skont id-Direttiva 2014/47/UE. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw miżuri xierqa ta' sigurtà sabiex jipprevjenu l-użu ħażin tad-dejta personali.
- (12) Meta applikabbli, id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, kif stipulati bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, japplikaw għall-ipproċessar ta' kwalunkwe dejta personali skont id-Direttiva 2014/47/UE.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma adottati skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli applikabbli għan-notifika tar-riżultati ta' spezzjoni teknika waqt it-traġitt (RSI) ta' vetturi kummerċjali b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi kkomunikati permezz tas-sistema tal-RSI msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Messaġġ tal-RSI" tfisser il-messaġġ ta' notifika wara spezzjoni teknika aktar dettaljata waqt it-traġitt kif imsemmi fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2014/47/UE, mibgħut permezz tas-sistema tal-RSI jew permezz ta' netwerk sigur f'format strutturat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) "Rapport aktar dettaljat tal-RSI" tfisser id-dokument maħruġ wara spezzjoni aktar dettaljata waqt it-traġitt kif imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2014/47/UE.
- (3) "Stat Membru tar-reġistrazzjoni" tfisser l-Istat Membru fejn hija rreġistrata l-vettura jew, f'każijiet fejn il-vettura ma tkunx soġġetta għal reġistrazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, fejn din titqiegħed fis-servizz.

Artikolu 3

Is-sistema tal-RSI

1. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf sistema ta' messaġġi (is-sistema tal-RSI) li tuża l-arkitettura tas-sistema ta' messaġġi tar-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480. Is-sistema tal-RSI għandha tiffaċilita l-obbligu ta' notifika stipulat fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/47/UE.
2. Is-sistema tal-RSI għandha tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness I, fil-punti 1 u 2 tal-Anness III, fl-Annessi V, VI u VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480 u fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

*Artikolu 4***In-notifika**

1. Il-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru li jkun wettaq l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt għandu jinnotifika mingħajr dewmien ir-riżultati tal-ispezzjoni lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.
2. L-Istat Membru li jmessi l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt għandu jinnotifika lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni bl-użu tas-sistema tal-RSI, skont il-proċeduri u r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-Anness.

*Artikolu 5***Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-30 ta' Ġunju 2020.

Madankollu, l-Artikolu 4(1) għandu jibda japplika mill-20 ta' Mejju 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Ir-rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-messaġġi XML**1. Intestatura**

Kull messaġġ XML li jiġi skambjat mas-sistema għandu jkollu l-istess intestatura biex jiġu identifikati l-persuna li tkun bagħtita, id-destinatarju, id-data u l-ħin li ntbagħat, u xi informazzjoni teknika.

	Intestatura Komuni	Obbligatorja
Verżjoni	Il-verżjoni uffiċjali tal-ispeċifikazzjonijiet XML għandha tiġi speċifikata fl-ispazju tal-isem definit fil-fajl tad-Definizzjoni tal-Iskema XML (XSD) tal-messaġġ u fl-attribut tal-verżjoni tal-element tal-intestatura ta' kull messaġġ XML. In-numru tal-verżjoni ("n.m") għandu jiġi definit bħala valur fiss f'kull rilaxx tal-XSD.	Iva
Identifikatur tat-Test	ID fakultattiv għall-ittestjar. L-oriġinatur tat-test għandu jimla l-ID u kull parteċipant fil-fluss tax-xogħol għandu jgħaddi 'l quddiem/jirritorna l-istess ID. Fil-produzzjoni dan għandu jiġi injorat, u jekk jingħata ma għandux jintuża.	Le
Identifikatur Tekniku	UUID li jidentifika b'mod uniku kull messaġġ individwali. Min jibgħat il-messaġġ jiġġenera UUID u jimla dan l-attribut. Din id-dejta ma tintużax f'xi kapaċità kummerċjali.	Iva
Identifikatur tal-Fluss tal-Ħidma	L-ID tal-fluss tal-ħidma hija UUID u għandha tiġi ġġenerata mill-Istat Membru tar-rikjesta. Imbagħad din l-ID tintuża fil-messaġġi kollha biex tikkorrelata l-fluss tal-ħidma.	Iva
Mibgħut Fi	Id-data u l-ħin fil-format ta' Ħin Universali Koordinat (UTC) meta ntbagħat il-messaġġ.	Iva
Skadenza	Dan hu attribut fakultattiv tad-data u tal-ħin (fil-format ta' UTC). Dan il-valur għandu jiġi ssettjat biss mill-Hub għar-rikjesta mgħoddjin 'il quddiem. Dan għandu jinforma lill-Istat Membru tat-tweġiba dwar il-ħin meta tkun se tiskadi r-rikjesta. Huwa fakultattiv u allura l-istess definizzjoni tal-intestatura tista' tintuża għat-tipi kollha ta' messaġġi kemm jekk ikun meħtieġ l-attribut tal-Iskadenza kif ukoll jekk ma jkunx. MHUX UŻATI, peress li nibagħtu notifikati biss, mhi mistennija l-ebda risposta.	Le
Mingħand	Il-kodiċi Alfa 2 tal-ISO 3166-1 tal-Istat Membru li jibgħat il-messaġġ jew "EU" ("EU" tintuża meta jintbagħtu messaġġi ta' żball mill-Hub).	Iva
Lil	Il-kodiċi Alfa 2 tal-ISO 3166-1 tal-Istat Membru li jkun qed jintbagħat l-messaġġ jew "EU" ("EU" tintuża meta jintbagħtu messaġġi ta' żball lill-Hub).	Iva

2. Rapport Aktar Dettaljat

F'każ ta' komunikazzjoni tar-riżultat ta' spezzjoni teknika aktar dettaljata waqt it-traġitt, il-messaġġ tal-RSI u l-messaġġ ta' konferma li jintbagħat awtomatikament għandhom ikunu komposti kif ġej.

Sabiex tiġi ffaċilitata n-notifika, il-lista ta' kontroll stipulata fl-Anness IV, ir-raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test u l-valutazzjoni tan-nuqqasijiet stabbilita fl-Anness II tad-Direttiva 2014/47/UE għandhom ikunu inklużi fil-messaġġ tal-RSI bħala kontenut fakultattiv.

Il-messaġġ tal-RSI għandu dejjem jintbagħat mill-Istat Membru tal-ispezzjoni lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. L-irċevuta tal-messaġġ tal-RSI ma għandhiex tiġi rrifjutata.

Il-messaġġ ta' konferma jservi biex jiġi kkonfermat li jkun wasal il-messaġġ tan-notifika.

Talba għal Notifika ta' RSI		Obbligatorja
Identifikatur tal-Każ tan-Negozju	Numru tas-serje jew ta' referenza li jidentifika kull każ individwali. L-ID tal-każ tista' tintuża biex tinżamm konnessjoni meta aktar minn fluss wieħed ta' messaġġi jintuża biex jittratta l-istess każ, pereżempju meta tintbagħat notifika inizjali u warajha oħra aktar dettaljata, u t-tnejn li huma jkunu relatati mal-istess każ. (Test)	Iva
Awtorità Emittenti	L-awtorità kompetenti li toħroġ il-messaġġ tal-RSI. (Test)	Iva
<i>Detalji tal-RSI</i>		<i>Iva</i>
Identifikatur tal-RSI	L-ID uniku tal-RSI fl-Istat Membru tal-ispezzjoni. Jiffaċilita l-komunikazzjoni u jippermetti li l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jitlob għal aktar dettalji lill-Istat Membru tal-ispezzjoni, li jista' jużah biex ifittex fil-bażi tad-dejta rispettiv. (Test)	Le
Post	Il-post fejn seħħ l-RSI. Jista' jkun l-koordinati eżatti, il-muniċipalità, il-belt jew ir-raħal, eċċ. (Test)	Iva
Data/Ħin	Id-data tal-RSI fl-ISO 8601 f'Format ta' UTC (SSSS-XX-JJ)Tss:mm:ssZ	Iva
Spettur	L-isem tal-uffiċjal, tal-ispettur jew tal-awtorità li mexxa/mexxiet l-RSI. (Test)	Iva
<i>Detalji tal-Vettura</i>		<i>Iva</i>
Kategorija	Il-kategorija tal-vettura. — N2 (3,5 sa 12-il t) — N3 (aktar minn 12-il t) — O3 (3,5 sa 12-il t) — O4 (aktar minn 10 t) — M2 (> 9 sits sa 5 t)	Iva

	<ul style="list-style-type: none"> — M3 (> 9 sits u aktar minn 5 t) — T5 — T1b, — T2b, — T3b, — T4.1b, — T4.2b — T4.3b — Kategorija oħra ta' vettura (Lista bl-għażla, b'element wieħed biss magħżul) 	
Kategorija oħra	<p>Speċifika l-kategorija l-oħra:</p> <ul style="list-style-type: none"> — M1, N1, O1, O2, T1a, T2a, T3a, T4a, T4.1a, T4.2a, T4.3a, C, R1a, R1b, R2a, R2b, R3a, R3b, R4a, R4b, S1a, S1b, S2a, S2b, L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e, L7e <p>(Lista bl-għażla, b'element wieħed biss magħżul, jekk tintgħażel "Oħra" biss iżda mhix obbligatorja)</p>	Le
Reġistrazzjoni	In-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. (Test)	Iva
VIN	In-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura. (Test)	Iva
Odometru	Il-qari tal-odometru tal-vettura fil-mument tal-RSI. IMPORTANTI: Jekk ikun hemm odometru mwaħħal, din il-kaxxa trid jimtela, jew inkella niżżel "0". (Numru)	Iva
<i>Impriża tat-Trasport/Dettalji tad-Detentur</i>		<i>Iva (Waħda minnhom trid timtela, Impriża jew Detentur)</i>
<i>Impriża tat-Trasport</i>		<i>Iva (fil-każ ta' Impriża biss)</i>
Isem l-Impriża	Isem l-impriża tat-trasport. (Test)	Iva
Indirizz tal-Impriża	L-indirizz tal-impriża tat-trasport (l-indirizz, il-kodiċi postali, il-belt u l-pajjiż). (Test)	Iva
Il-Liċenzja Komunitarja tal-Impriża	In-numru tal-liċenzja Komunitarja (skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1072/2009 u (KE) Nru 1073/2009) IMPORTANTI: Jekk il-liċenzja Komunitarja tkun magħrufa, trid timtela. (Test)	Iva

<i>Id-detentur (f'każ ta' ebda impriża)</i>		<i>Iva (f'każ ta' Detentur biss)</i>
<i>Kumpanija</i>		<i>Iva (jekk id-Detentur ikun kumpanija biss)</i>
Isem	Isem il-kumpanija tad-Detentur (Test)	Iva
Indirizz	L-indirizz tal-kumpanija tad-Detentur (l-indirizz, il-kodiċi postali, il-belt u l-pajjiż). (Test)	Iva
<i>Persuna fiżika</i>		<i>Iva (jekk id-Detentur ikun persuna fiżika biss)</i>
Kunjom	Kunjom id-Detentur. (Test)	Iva
Isem	Isem (ismijiet) id-Detentur. (Test)	Iva
Indirizz	L-indirizz tad-Detentur (l-indirizz, il-kodiċi postali, il-belt u l-pajjiż). (Test)	Iva
Ċertifikat tar-reġistrazzjoni	Numru taċ-“Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni”.	Le
<i>Dettalji tas-Sewwieq</i>		<i>Iva</i>
Kunjom	Kunjom is-sewwieq. (Test)	Iva
Isem	Isem (ismijiet) is-sewwieq. (Test)	Iva
Liċenzja tas-Sewqan	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq. Jekk huwa possibbli, għal identifikazzjoni aħjar. (Test)	Le
Il-pajjiż tal-Liċenzja tas-Sewqan	Il-pajjiż fejn inħarġet il-liċenzja tas-sewqan b'kodiċi ta' żewġ ittri alfa 2 tal-ISO 3166-1.	Le
<i>Element iċċekkjat</i> (din it-taqsimha tiġi ripetuta għal kull Element iċċekkjat; obligatorja għal messaġġ ta' RSI u mbagħad mill-inqas element wieħed irid ikun indikat bħala iċċekkjat)		<i>Iva</i>
Element	L-elementi definiti fil-lista ta' kontroll tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/47/UE. Jekk element jintgħażel, dan ifisser li jkun ġie iċċekkjat. Elementi fil-lista: (0) Identifikazzjoni (1) Tagħmir tal-ibbrejtkjar (2) Stering (3) Viżibbiltà (4) Tagħmir tat-tidwil u sistema elettrika (5) Fusijiet, roti, tajers, sospensjoni	Iva

	<p>(6) Xażi u aċċessorji tax-xażi</p> <p>(7) Tagħmir ieħor inklużi t-takografu u l-apparat ta' limitazzjoni tal-ispid</p> <p>(8) Fastidju inklużi l-emissjonijiet u t-tixrid ta' fjuwil u/jew ta' żejt</p> <p>(9) Testijiet addizzjonali għall-vetturi tal-kategoriji M2 u M3</p> <p>(10) Irbit tal-merkanzija</p> <p>(Lista bl-għażla, b'element wieħed biss magħżul)</p>	
Ma għaddiex?	Għal kull <i>Element iċċekkjat</i> ir-riżultat tal-kontroll (Għadda/Ma għaddiex): Veru jekk Ma għaddiex (Veru/Falz)	Iva
	<p><i>Dettall tal-element iċċekkjat</i></p> <p><i>(Jekk ir-riżultat Ma għaddiex, għal kull element iċċekkjat din it-taqsimha tiġi ripetuta għal kull nuqqas misjub)</i></p>	<i>Le (Jekk ir-riżultat ikun li Ma għaddiex biss, iżda mhux obbligatorju li jiġu indikati aktar dettalji)</i>
Raġuni għaliex element ma jgħaddix mit-test	<p>Għal kull <i>Element iċċekkjat</i> = <i>Ma għaddiex</i>, id-dettall tan-nuqqas kif definit fl-Anness II tad-Direttiva 2014/47/UE.</p> <p>Elementi fil-lista:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 0.1.a IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA > Pjanċi tar-Reġistrazzjoni (jekk meħtieġ mir-rekwiżiti) > Pjanċa/i nieqsa/neqsin jew tant mhux im-waħhla sew li aktarx taqa'/jaqgħu. — 1.1.1.a TAGĦMIR TAL-IBBREJKJAR > Kundizzjoni u tħaddim mekkaniċi > Pern tal-pedal/liver tal-brejk ta' servizz > Pern magħfus wisq. — 6.2.5.a.1 XAŻI U AĊĊESSORJI TAX-XAŻI > Kabina u karrozzierija > Sit tas-sewwieq > Sit bi struttura difettuża. — Eċċ. <p>(Lista bl-għażla, element wieħed biss magħżul, jekk ikun hemm aktar minn nuqqas wieħed din is-subtaqsimha għandha tiġi ripetuta għal kull wieħed minnhom)</p> <p><i>Il-valutazzjoni tan-nuqqas mhijiex indikata, l-għarfien huwa skont l-Anness II tad-Direttiva 2014/47/UE.</i></p> <p><i>IMPORTANTI: Fl-Anness II, mhumix numerati xi raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test, jiġifieri 6.2.5.a għandha żewġ għażlijiet, biex wieħed ikun jaf għal-liema waħda qed nirreferu dawn għandhom ikunu numerati 1 u 2 fis-sistema.</i></p>	Iva
Rettifikat?	In-nuqqas ġie rettifikat fl-Istat Membru tal-ispezzjoni? Veru = Iva (Veru/Falz)	Le

Riżultat tal-ispezzjoni		Iva
Riżultat tal-ispezzjoni	Ir-riżultat tal-RSI (Għadda/Ma għaddiex): Veru jekk Għadda (Veru/Falz)	Iva
Projbizzjoni jew Restrizzjoni	Projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-użu tal-vettura, li għandha nuqqasijiet perikolużi. (Veru/Falz)	Iva
PTI Mitluba?	L-Istat Membru tal-ispezzjoni qed jitlob lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni biex iwettaq spezzjoni teknika perjodika? Veru = Iva (Veru/Falz)	Iva
Konferma ta' Notifika ta' RSI (Mibgħuta awtomatikament)		Obbligatorja
Kodiċi tal-Istatus	Il-kodiċi tal-istatus tal-konferma. (Lista bl-għażla, b'element wieħed biss magħżul)	Iva
Messaġġ tal-Istatus	Kummenti addizzjonali dwar il-Kodiċi tal-Istatus. (Test)	Le